MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 368/2006

**Maltacom plc.**
**Vs**
**Central Insurance Brokers Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici li talbet lil dan it-Tribunal jordna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ mitejn sitta u ghoxrin lira Maltin, erbgha u hamsin centezmu (Lm226.54), dovuti in konnessjoni mas-servizz ta’ Analogue Leased Line S/C 002684 (CN 991838 AC 10000374);

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda baqqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-imghax u bl-ispejjes;

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kontijiet

kollha fir-rigward tal-linja tat-telephone tat-tip analogue leased line S/C 002684 dejjem thallsu fil-pront u l-ebda ammont m'hu dovut. Illi ghalhekk t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-drittt stante li kwalunkwe ammonti dovuti gew imhallsa a saldu ta' kwalunkwe pretensjoni tas-socjeta' attrici;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-agir tas-socjeta' attrici huwa abusiv u llegali;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici in pessima ipotesi kellha tigi diretta kontra mpjegati tas-socjeta' attrici stess li minhabba l-agir taghhom is-socjeta' attrici setghet soffriet xi danni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta' Alison Beach li hija mpjegata bhala *brand manager* tas-socjeta' attrici li tispjega li kien intlahaq ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-Malta Communications Authority sabiex il-*leased lines* jigu riveduti. Bhala rizultat mill-1 ta' Dicembru, 2004 kellhom jidhlu fis-sehh dawn it-tariffi godda u l-ftehim kien jinkludi ukoll li wara sittin gurnata minn meta jigu fis-sehh kellha ssir publikazzjoni fuq il-gazzetti lokali kif ukoll publikazzjoni fuq il-*web site*. Dawn graw fl-1 ta' Ottubru, 2004 u t-2 ta' Ottubru, 2004;

Tghid ukoll li kienet ntbaghtet ittra lil persuni li kienu registrati bhala li jaghmlu uzu ta' "leased line" u kien ghall-habta ta' Dicembru, 2004 li bdew jibaghtu l-kontijiet;

Kien ghal habta ta' Frar, 2005 li bdew jircievu telefonati li l-kontijiet li ntbaghtu kienu nhaddmu fuq ir-rati antiki. Dan gie kkonfermat u li ghamlet is-socjeta' attrici kien li kien hemm xi disa' mitt linja li intbaghtilhom kont skond id-distanza u ghalhekk ma gewx applikati r-rati godda;

Meta mbaghad giet konkluza s-sistema f'Ottubru, 2005, li ghamlu kien li ghal perjodu bejn Dicembru, 2004 sa' Ottubru, 2005 kienu taw kreditu lil dawn id-disa' mitt linja u sar *debiting* fuq kalkolazzjoni fuq l-istess perjodu a bazi tat-tariffi l-godda;

Ix-xhud thoss ukoll li anke meta sar dan il-*crediting* u *debiting* u gibdet l-attenzjoni lil Billing Section xorta baqqghu jibghatu l-kontijiet skond it-tariffi antiki u jaccettaw l-pagament u dan kollu sehh bejn Frar, 2005 u Ottubru, 2005;

Minkejja li kienet infurmat l-Billing Section xorta ma gara xejn;

Ix-xhud tghid ukoll li ma setghetx tikkonferma jekk kulhadd kienx ircieva l-ittra, pero', fil-kaz tas-socjeta' konvenuta setghet tikkonferma li kienu rcevew l-ittra ghaliex kienu kkomunikaw maghha direttament rigward dawn it-tariffi godda;

Ra x-xhieda ta' Peter Gatt, kap tal-*corporate services* mal-Malta Communications Authority li xehed li kien fil-bidu ta' Dicembru, li kienu approvaw l-adozzjoni tat-tariffi godda. Imbaghad is-socjeta' konvenuta ghandha sittin gurnata qabel ma jigu fis-sehh biex tinforma l-klijenti u dan kienet ghamlitu;

Jikkonferma li kien hemm xi kwistjoni fejn uhud kienu lmentaw li kienu qed jircievu l-kontijiet tard u bl-adozzjoni tat-tariffi l-godda;

Ra x-xhieda ta' Anthony Mizzi  li jikkonferma li bhala mpjegat tas-socjeta' attrici kien iffirma biss l-ittra sabiex jinfurmaw il-pubbliku li kien ser jigu fis-sehh tariffi godda fuq il-"*leased lines*". Jikkonferma li kien prezenti waqt laqgha li saret bejn Joe Abela, direttur tas-socjeta' konvenuta u Richard Attard rapprezentant tas-socjeta' attrici;

Ra x-xhieda ta' Salvu Schembri li huwa mpjegat tas-socjeta' Innovate, kumpanija sussidjarja tas-socjeta' attrici u kien hu li kien jiehu hsieb il-processar tal-kontijiet;

Ra x-xhieda ta' Joseph Abela, *managing director* tas-socjeta' konvenuta. Ighid li s-socjeta' konvenuta kienet dejjem tircievi il-kontijiet regolarment minn xahar ghal

xahar u dejjem kienet thallas. Il-kontijiet li kienet tircevi ma kienux mahduma skond it-tariffi l-godda;

Kien ghal habta ta' Novembru, 2005 fejn is-socjeta' konvenuta rceviet kont ta' mitejn wiehed u ghoxrin lira Maltin, tnejn u tmenin centezmu (Lm221.82) bhala arretrati a bazi ta' kontijiet li kienet diga' hallset, izda li s-socjeta' attrici qed tinsisti li huma mahduma fuq revizjoni tat-tariffi l-godda ghal *leased lines*. Fit-18 ta' Novembru, 2005 is-socjeta' kienet irceviet ittra ffirmata minn Anthony Mizzi fejn infurmawha li kienu diga' baghtu ittra b'informazzjoni dwar dawn it-tariffi u dan kien ghal habta ta' Novembru, 2004;

Abela jkompli jghid li meta ra hekk kien talab lis-socjeta' konvenuta sabiex twaqqaf il-linja u sussegwentement kien ircieva ittra minghand Alison Beach li kienet infurmatu li kienu baghtu ittra sabiex jinfurmaw lill-klijenti taghhom u oltre minn hekk kienu ppubblikaw dawn it-tariffi godda fuq il-*web site*, kif ukoll f'gazzetta lokali sittin gurnata qabel ma gew fis-sehh;

Ix-xhud ighid li hu ma kienx ircieva l-ittra ghal dak li jirrigwarda t-tariffi l-godda, qatt ma kien ra l-*web site* u lanqas ma kien qara l-gazzetti dakinhar;

Sussegwentement ghal dan kien ghamel laqgha ma' Peter Gatt mill-Malta Communications Authority u dan kien qallu li l-Awtorita' ma tidholx fil-kwistjoni. Ms.Alison Beach kienet qaltlu li kellu l-alternattiva li jaghmel *complaint* mal-*Contestations Department* tas-socjeta' pero' hass li din kienet ser tkun ppregudikata u ghalhekk talab li ssir laqgha u Beach irriferietu ghal Richard Attard fid-19 ta' Jannar, 2006 fejn kien hemm Beach u Anthony Mizzi prezenti. Id-diskors kien sar ma' Attard u dan kien qallu li ma setghux jaccettaw il-proposta tieghu ghaliex kienu joholqu precedent u di piu' la darba kienet decizjoni tal-Bord, din ma setghetx tinbidel;

Ra x-xhieda ta' Raymond Attard li kellu l-impjieg ta' *group commercial director* f'dak iz-zmien in kwistjoni. Ighid li kien jifforma parti mill-*executive management committee*, pero'

dan ma kienx jiehu d-decizjonijiet dwar kontijiet. Il-*finance department* huwa nkarigat sabiex johrog il-kontijiet, izda l-kumpanija sussidjarja tal-Maltacom cioe', Innovate kienet tiehu hsieb proprjament mill-hrug tal-kontijiet u l-*billing*;

Ix-xhud ikompli jispjega li peress li s-socjeta' konvenuta hija klijenta tajba tas-socjeta' Maltacom, hass il-htiega li jiltaqa' mas-sur Abela. Il-problema kienet minhabba l-imposizzjoni ta' tariffi godda ghal *commercial lines* u peress li s-sur Abela baqa' jinsisti li ma kien ircieva xejn. Attard jichad ukoll li ma riedx jasal ghal ftehim ghaliex ma riedx johloq precedent, izda ha il-posizzjoni li ha minhabba li l-imposizzjoni ta' dawn it-tariffi ma kienitx tiddependi minnu;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

It-Tribunal gie pprezentat b'zewg argumenti kontrastanti. It-tesi tas-socjeta' attrici hija li t-tariffi l-godda gew approvati mill-*Malta Communications Authority* u gew imposti billi kellhom isegwu l-publikazzjoni ta' meta kellhom jigu fi-sehh dawn it-tariffi. Ukoll is-socjeta' konvenuta baqghet taghmel uzu minn dawn is-servizzi;

Il-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta minn naha l-ohra hija li la darba kienet qed tircievi l-kontijiet u hallsithom dawn japplikaw u ma tistax is-socjeta' attrici taqbad u timponi tariffi godda retrospettivament;

Is-socjeta' attrici pproduciet diversi  xhieda fejn spjegaw li gew imposti tariffi godda ghal-"*leased lines*" u dawn kellhom jigu mgharrfa lill-pubbliku sittin gurnata qabel ma kellhom jigu fis-sehh fl-1 ta' Dicembru, 2004. Fil-fatt, gie ippruvat li kien hemm ittra li ntbaghtet ghal habta ta' Novembru, 2004 u minkejja li l-ittra li giet esebita (Dok G a fol. 8 tal-process) ma tindika l-ebda data, hemm qbil li ntbaghtet f'dan iz-zmien. Kien hemm avviz fuq il-*website* u kien hemm pubblikazzjoni fil-Gazzetta lokali "*The Times*";

Is-socjeta' konvenuta tichad li qatt rceviet din in-notifika, pero' anke jekk jista' jaghti kaz li f'dak iz-zmien ma kienux raw l-*website* jew l-anqas ma raw il-gurnal *The Times*, huwa difficli biex it-Tribunal jemmen li ma kienux ircievew l-ittra ta' Novembru, 2004. Infatti, Alison Beach fix-xhieda tagha tikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet rceviet l-ittra ghaliex kienu kkomunikaw maghha fuq dawn ir-rati;

Jirrizulta inoltre illi s-socjeta' konvenuta baqghet taghmel uzu mis-servizz telefoniku ghaliex presumibbilment il-kontijiet li kien qed jircievi ma kienux jinkludu l-applikazzjoni tat-tariffi l-godda. Malli rcieva kont bir-rati godda insista li ried iwaqqaf din il-linja;

Alison Beach tispjega li kien hemm "fault" fis-sistema ghaliex li gara kien li disa' mitt linja kienu rcevew kontijiet bir-rati antiki u dan ghaliex il-"*billing*" sar skond id-distanza. Wara li xi klijenti kienu infurmawhom li kienu ircevew kontijiet skond ir-rati antiki hi kienet infurmat il-*billing section* li damu biex irrangaw is-sistema u kien biss f'Ottubru, 2005 meta kollox kien organizzat li regghu baghtu l-kontijiet u li ghamlu kien li hadmu fuq kreditu lil dawn id-disa' mitt linja u sar "*debiting"* fuq kalkolazzjoni a bazi tat-tariffi 'l godda. Minn Frar, 2005 sa' Ottubru, 2005 kienu baqqghu jircievu l-pagamenti;

Huwa minnu li s-socjeta' attrici naqset li tinforma lill-klijenti taghha bl-izball li kien qed isir u kien biss kwazi sena wara li ngibdet l-attenzjoni li kienu ghadhom qed jintbaghtu kontijiet fuq rati antiki. Madanakollu, jirrizulta li l-klijenti stess kienu indunaw bl-izball minhabba li saru diversi telefonati lis-socjeta' attrici u l-istess socjeta' attrici, anke jekk tard hafna, infurmat lill-klijent permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru, 2005 ***"….you have been credited with the old rental fee applicable to your circuit, which you had been charged at, for the period between 1st December, 2004 and 31st December, 2005." (Dok.B a fol.3)";***

Fejn kien hemm zball, is-socjeta' attrici ammettiet u rrimedjat;

Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li s-socjeta’ attrici hadet decizjoni, flimkien mal-*Malta Communications Authority*, applikata, segwiet ir-regolamenti u adottathom tard u rrimedjat ma jiggustifikax l-argument tas-socjeta’ konvenuta li hu kien “ignorant to the fact”. Dan hu kaz tipiku fejn il-fatt li s-socjeta’ konvenuta tippretendi li ma kienitx informata ftit jista’ jkollu importanza stante il-fatt li s-socjeta’ attrici kellha kull dritt tirrevedi it-tariffi u hadet il-mizuri opportuni biex dan taghmlu pubbliku. Dan apparti il-fatt li t-Tribunal m’hux konvint illi is-socjeta’ konvenuta kienet injara ta’ dan il-kambjament u partikolarment meta wiehed jikkonsidra illi l-istess socjeta’ konvenuta baqqghet taghmel uzu mis-servizz tal-“*commercial line*,” meta jekk xtaqet setghet waqqfet l-istess servizz, izda minflok baqqghet passiva ghal fatt li l-kontijiet kienu ghadhom qed jinkwadraw ir-rati l-antiki. Jizdied illi jirrizulta ukoll li s-socjeta’ konvenuta anqas biss tat kaz il-fatt li fit-18 ta’ Novembru, 2005 kienu ntbaghtu l-kontijiet bil-“crediting” u “debiting” ad hoc ghal perjodu bejn Frar, 2005 u Ottubru, 2005. Apparti minn hekk, din hija l-unika difiza li s-socjeta’ konvenuta rnexxiela ggib fil-konfront tal-kaz pprezentat mis-socjeta’ attrici. Lanqas per ezempju ma ingabet xi prova li kien hemm xi socjetajiet jew persuni ohra li ma kienux gew infurmati. Wara kollox, is-sistema biex jigi mgharraf il-pubblikku kienet wahda soddisfacenti hafna u li tkopri kull mezz ta’ kommunikazzjoni affidabbli. Dan kollu iwassal biex isahhah it-tesi tas-socjeta’ attrici;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jordna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sitta u ghoxrin lira Maltin, erbgha u hamsin centezmu (Lm226.54), in konnessjoni mas-servizz ta’ Analogue Leased Line S/C 002684 (CN 991838 AC 10000374).

Bl-ispejjes u l-imghax sad-data tal-pagament effettiv a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------